MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 117/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurance Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha International Technology Limited u l-istess International Technology Limited u b'nota tal-5 ta' Mejju 2003 is-socjeta GasanMamo Insurance Limited in rappresentanza tas-socjea estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat**
**taghha Technology Limited assumiet l-atti minflok GasanMamo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Marco Grima**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-4 ta' Dicembru 1998 gewwa Pembroke meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru HAN 801 imhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku habat mal-vettura numru JAB 528 propjeta ta' International Technology Limited u misjuqa minn Anthony Bartolo u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura (Dok A).
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' tmein mija u wiehed u sittin Lira Maltin u seba u sittin centezmi (Lm861.67) jew somma ohra verjuri, u dawk tal-attur International Technology Limited fl-ammont ta' hamsin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm50.25) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konenut jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notiifka ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-konsult (Lm15.00). ta' Ittra Ufficjali tat-23 ta' April 1999 u ta' Ittra Ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma 'dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 23 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-konvenut ma kienx unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni li gara minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Anthony Bartolo.
2. Illi ghalhekk l-konvenut ma ghandux ihallas lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Novembru 2006, tal-10 ta' Jannar 2007 u tal-14 ta' Marzu 2007 minn fol 73 sa fol 75 ibid kif ukoll l-imsemmija nota a fol 51 ibid.

Ikkunsidrat

Illi ex-PS 621 Pierre Calleja, li investiga dan il-kaz, meta xehed (fol 56 et seq ibid) qal illi "ma kienx sar sketch" u ghalhekk esebixxa biss kopja tar-rapport (fol 58 ibid). Difatti l-uniku punt li seta' jiftakar dwar dan il-kaz u li jista' jkun rilevanti ghalih kien li t-triq in kwistjoni ".. hija triq principali (u) hija pjuttost dejqa". Mill-istess rapport jidher li l-konvenut stqarr li kien qed jsuq il-vettura numru HAN 801 u kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq El Alamein f'Pembroke meta f'daqqa wahda il-vettura numru JAB 528, misjuqa minn Anthony Bartolo giet mid-direzzjoni opposta u habtet ma dik misjuqa minnu.

Da parti ta' Anthony Bartolo dan stqarr li kien qed jsuq fl-istess Triq "off" El Alamein Road" fejn il-vettura misjuqa mill-konvenut giet mid-direzzjoni opposta u habtet ma' tieghu.

Pero jigi notat illi, filfatt, jidher li kien sar skizz ta' dan l-incident, liema dokument gie esebit in fotokopja, mill-istess socjeta attrici nomine et (ara fol 5 ibid) u ma giex kontestat, kif jidher mill-istess atti. Minn dan l-iskizz, wiehed jista jara illi t-triq fejn gara l-incident hi pjuttost dejqa waqt li fin-naha ta' fuq taghha hemm parti pjuttost wiesa'.

Ikkunsidrat

Illi Anthony Bartolo li kien qed jsuq il-vettura assikurata mas-socjeta attrici nomine, xehed (fol 31 u fol32 ibid) illi waqt li kien ghaddej mit-triq, in kwistjoni li kienet bla isem, li ma ghadhiex tesisti ghar-ragjuni li qal fl-istess xhieda, u li minnha tista' tghaddi biss fl-istess waqt, karozza wahda biss minhabba li hi dejqa, hu kien wasal kwazi fl-ahhar tal-istess triq fejn hemm fetha ('opening'). Hawnhekk il-vettura misjuqa mill-konvenut "… daret minn triq ohra" u

ma waqfitx "… f'dik il-wisa', apertura izda baqghet gejja….".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut ma' issottometta l-ebda prova sabiex jsostni dak li gie eccepit minnu (ara fol 73, 74 u fol 75 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti, jidher car u evidenti li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident. Difatti hu probabbli illi l-konvenut ma waqqafx il-vettura misjuqa minnu meta kien f'dik il-parti wiesa' tat-triq sabiex jesplora it-triq, quddiemu, li hi dejqa u li minnha, avolja giet deskritta bhala wahda 'two way', setghet tghaddi biss karozza wahda, fl-istess waqt.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-'quantum' ta' danni pretisi, jidher li dawn gew pruvati u sostanzjali mid-dokumenti esebiti a fol 6 u fol 34 et seq ibid.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiqla' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba negligenza, imprudenza u ksur tar-regolmenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm911.92,0 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm861.67,0 u lis-socjeta attrici, International Technology Limited, is-somma ta' Lm50.25,0 bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Frar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inklusi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta' April 1999 u tas-16 ta' Frar 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------